**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 274/2000**

**Il-Pulizija (Spettur J. Agius)**
**(Seduta tad-distrett ta'Rahal Gdid)**

**Vs**

**EMANUEL CONTI, u**
**ANNE CONTI.**

**Illum, 6 ta'Settembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Emanuel Conti w Anne Conti talli fl-ahhar xhur (qabel it-18 ta'Settembru, 1999) f'Paola, (**1**) zammew kwantita' kbira ta'annimali (fniek) fil-propjeta' taghhom minghajr licenzja ta' l-Awtorita' Sanitarja, kif ukoll (**2**) zammew l-imsemmija fniek b'detriment ta'hsara ghas-sahha tal-garr taghhom John Bartolo w Lucy Bartolo minn Paola, u dan wara li l-familja Bartolo oggezzjonaw minhabba mard fid-dar jew ghal xi raguni tajba ohra. Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna t-tnehhija ta' l-annimali taht penali fin-nuqqas.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 28 ta'Novembru, 2000, li biha sabet lill-Emanuel Conti w Anne Conti mhux hatja ta' l-ewwel akkuza w illiberathom minnha, izda sabithom hatja tat-tieni akkuza, ikkundannatom fuqha ghall-hlas ta'mitt lira Maltin (Lm100) Multa, kif ukoll ikkundannathom sabiex ihallsu l-ispejjes peritali inkorsi f'dawn il-proceduri ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, u ordnatilhom sabiex inehhu l-gageg u fniek kollha fi zmien tlett (3) tijiem mid-data tas-sentenza taghha taht penali ta' Lm5 kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors t'appell ta'Emanuel Conti w Anne Conti datat 11 ta'Dicembru, 2000, li bih talbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u li timmodifika w tirrevokaha fil-kumplament taghha fejn sabithom hatja tat-tieni akkuza, u, konsegwentement, tilliberahom minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravju ta' l-appellanti.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi bazikament l-aggravju ta' l-appellanti hu kollu kemm hu kwistjoni ta'apprezzament tal-provi li kien sar mill-ewwel Qorti, li, skond huma, in bazi ta' dawk il-provi dik il-Qorti qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fihom fit-tieni akkuza.

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha sabiex tara jekk l-appellanti ghandhomx ragun f'dan l-aggravju taghhom. Sincerament thoss li ma hemm assolutament xejn x'ticcensura fl-operat ta' l-ewwel Qorti. Il-provi kollha huma ferm skjaccanti kontra l-appellanti w din il-Qorti ma ghandha zzid xejn ma' dak li osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Barra minn hekk, l-appellant Emanuel Conti, meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-15 ta'Gunju, 2001, 'ex admissis' qal li kien veru li fil-perijodu msemmi fl-akkuzi kellu dawk il-fniek u gageg li lmentaw minnhom John u Lucy Bartolo, izda kien nehha ammont konsidervoli minnhom u baqghalu xi ftit.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tichad l-appell ta'Emanuel u Anne Conti w tikkonferma s-sentenza appellata ta' l-ewwel Qorti fl-intier taghha, inkluz kull ordni moghti.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur